# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli "nhar 11.05.2013 ghal habta ta 02:00hrs fi triq Bormla, Paola bhala persuna li fuqek ghandek il-licenzja tat-Taboo Bar ksirt il-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghek billi zammejt il-hanut tieghek miftuh wara is-01:00hrs b'hekk inti operajt l-imsemmi hanut minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita kompetenti".

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din iċ-ċitazzjoni ġiet iffirmata mill-ispettur inkarigat nhar il-21 ta' Mejju 2013. Mill-affidavit ta' PS1257 Conrad Ellul jirriżulta li għall-ħabta tas-02:00 irċieva telefonata anonima minn ragel li infurmah li t-Taboo Bar kien għadu miftuh. PS1257 mar immedjatament fuq il-post fejn huwa ra b'għajnejh li dan il-bar kien għadu miftuh. Huwa daħal ukoll ġewwa u ra li kien għad hemm il-parruċċani.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in kwantu skont ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuh f'kull ġurnata sas-01:00. Dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuh wara s-01:00.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu u wara li rat ir-regolamenti 13, 36 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), u 53 ikoll tal-A.L. 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal għal ammenda ta' mija u għoxin euro (€120).

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***